**Cit. Nru.: 321/95TM**

MALTA

# QORTI CIVILI, PRIM AWLA
# MALTA

## ONOR. IMHALLEF
## MALLIA TONIO

Seduta ta' 03 ta' Ottubru, 2002

Citazzjoni Numru. 321/1995/1

**Anthony J Bartolo bhala *Managing Director* ghan-nom u in rappreżentanza tas-socjeta' *Storage Systems Limited***

**Vs**

**John Mary Vassallo ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' *Vibro Blocks Company Limited* u Stuart Craig fil-kwalita tieghu ta' stralcjarju tas-socjeta' *Steel Fabrication and Pipe Engineering Company Limited* u Martin Sims ghal kull interess li jista' jkollu; u stante li Martin Simms illum hu assenti minn Malta, b'digriet tal-24 ta' April 1998, gew nominati Dr Paul J Farrugia u P.L. Juliana Scerri Ferrante bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-istess Martin Simms**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta' attrici fis-7 ta' Marzu, 1995 fejn ipremettiet li l-konvenut John Mary Vassallo nomine ppresentat citazzjoni fl-ismijiet John

Mary Vassallo ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta *Vibro Blocks Company Limited* vs Martin Sims ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' *Dexion Systems Limited* u Stuart Craig fil-kwalita' tieghu ta' stralcjarju tas-socjeta' *Steel Fabrication and Pipe Engineering Company Limited* quddiem dina l-Qorti fejn ipremetta:

(i) li l-attur nomine huwa kreditur tal-konvenut Stuart Craig nomine fl-ammont bilancjali ta' tliet elef u hmistax il-lira Maltija u sittin centezmi (LM3015.60) dovut ghall-fornitura ta' "*roofing sheets*";

(ii) illi l-konvenut nomine l-iehor ghandu f'idejh din is-somma ta' pertinenza tad-debitur tal-attur nomine u b'hekk huwa debitur tal-istanti nomine;

(iii) illi il-konvenuti nomine nonostante li gew interpellati anki ufficjalment biex ihallsu lill-attur nomine l-ammont hekk reklamat baqghu inadempjenti. Illi l-konvenut Stuart Craig nomine baqa' ma agixxiex kontra l-konvenut l-iehor ghall-hlas tal-ammont citat;

(iv) illi John Mary Vassallo nomine talab li l-konvenut jghid l-ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti: (1) tiddikjara u tiddeciedi li l-attur nomine huwa dovut minghand il-konvenuti nomine is-somma ta' LM3015.60 bilanc ta' somma akbar ghall-bejgh u fornitura ta' *roofing sheets* u (2) konsegwentement jikkundanna lill-konvenuti nomine jew min minnhom ihallas lill-attur nomine l-ammont surreferit u dan ghar-ragunijiet premessi;

(v) Bl-interessi u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-6 ta' Settembru 1993 u 14 ta' April 1994 u l-ittri legali tal-20 ta' Lulju, 1993, u 11 ta' Ottubru, 1993 kontra l-konvenut ingunt minn issa ghas-subizzjoni.

Ipremetta li din il-Qorti b'sentenza tat-23 ta' Jannar 1995 wara li rat li l-konvenuti nomine gew debitament notifikati bl-atti tal-kawza jigiefieri c-citazzjoni u l-Avviz tas-Smigh u baqghu ma wiegbu xejn ghat-talbiet attrici u ghalhekk qieset li baqghu kontumaci, decediet fil-kontumacja tal-konvenuti nomine in bazi tal-provi prodotti billi laqghet it-

talbiet attrici u s-socjetajiet konvenuti gew kundannati ihallsu lill-attur nomine s-somma ta' tliet elef u hmistax-il lira Maltija u sittin centezmu (LM3015.60);

Ipremetta li dan l-ahhar l-attur nomine wara li kien skada it-terminu tal-appell sar jaf ghal l-ewwel darba b'din il-kawza u s-sentenza relativa li giet ottenuta kontra tieghu ad insaputa tieghu;

Ipremetta li minn verifiki li saru mill-esponent irrizulta li c-citazzjoni u avviz tas-Smigh gew dikjarati li gew konsenjati b'ittra registrata mill-Ufficjal tal-Posta lill-segretarja tas-socjeta' konvenuta li ghaddiet dawn id-dokumenti lil Martin Sims persuna ta' nazzjonalita Ingliza. Dan Martin Sims ma kellem lil hadd dwar l-istess ittra u siefer;

Ipremetta li kif jrrizulta mill-*Memorandum & Articles of Association* tas-socjeta' *Storage Systems Limited* huwa c-*Chairman* jew persuni ohra nominati mill-Bord li jistghu jirrapresentaw lil istess socjeta' *Storage Systems Limited*. (Dok. B);

Ipremetta li Martin Sims la hu c-*Chairman* u lanqas ma gie awtorizzat li jirrapresenta s-socjeta' *Storage Systems Limited* jew nominat sabiex jirrapresenta l-istess socjeta';

Ipremetta li s-sentenza inghatat fil-konfront ta' socjeta' li jisimha *Dexion Storage Systems Ltd*. filwaqt li s-socjeta' attrici jisimha *Storage Systems Ltd;*

Ipremetta li ghal dawn ir-ragunijiet l-attur nomine *Limited* ma setghax jikkontesta l-istess kawza u jidher ghas-smiegh taghha kif provdut fil-ligi ghaliex ma kienx jaf bl-istess kawza.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut John Mary Vassallo nomine fejn jeccepixxi:

Illi l-azzjoni proposta mill-attur nomine hi proceduralment irrita u nulla billi r-rimedju li taghtih il-ligi mhux dak invokat minnu;

Illi bla pregudizju ghal premess t-talba attrici hi wkoll l-insostenibbli in kwantu s-socjeta' attrici fil-kawza l-ohra naqset li tidher fil-proceduri biex tispjega l-istat kontumacjali taghha meta l-atti kienu validament notifikati.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut Stuart Craig fejn eccepixxa:

1. Illi huwa fil-kwalita tieghu fuq premessa jaqbel li s-sentenza datata 23 ta' Jannar 1995 moghtija mill-Qorti tal-Kummerc fl-ismijiet John Mary Vassallo ghan-nom u in rappresentabnza tas-socjeta' *Vibro Blocks Company Limited* vs Martin Sims ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' *Dexion Systems Limited* u Stuart Craig fil-kwalita tieghu ta' stralcjarju tas-socjeta' *Steel Fabrication and Pipe Engineering Company Limited*, hija nulla, pero' mhux fil-konfront biss tal-attur nomine izda anke fil-konfront tieghu, u dan ghaliex il-Qorti, meta' f'din il-kawza laqghet it-talbiet attrici fil-kontumacja tal-konvenuti nomine, ma specifikatx min mill-konvenuti kellu jhallas l-ammont pretiz, jew jekk kellhomx ihallsuh flimkien, u ghaldaqstant din is-sentenza ghandha tigi dikjarata nulla fil-konfront tieghu wkoll.

2. Illi fi kwalunkwe kaz hu m'ghandux ibaghti l-ispejjez ta' din il-kawza.

Salvi eccezzjonijiet ohra jekk ikun hemm bzonn.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-24 ta' April, 1998, li in forza tieghu gew mahtura l-Avukat Dr Paul Farrugia u l-Prokuratur Legali Juliana Scerri Ferrante bhala kuraturi sabiex jirraprezentaw ghall-finijiet kollha tal-ligi lill-Martin Sims, assenti minn dawn il-gzejjer;

Rat in-Nota tal-Eccezzjonijiet ta' l-Avukat Paul Farrugia u l-P.L. Juliana Scerri Ferrante fejn jeccepixxu:

1. Illi l-kuraturi deputati ma humiex edotti mill-fatti tal-kaz u ghaldaqstant jirrizervaw id-dritt li jressqu l-eccezzjonijiet taghhom fi stadju ulterjuri.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-digriet ta’ din il-Qorti tad-29 ta’ Mejju, 2000, li *in forza* taghha gew awtorizzati li jsiru certi korrezzjonijiet fl-atti tac-citazzjoni;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

Semghet it-trattazzjonui tal-Avukati difensuri rigward l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut John Mary Vassallo nomine;

Rat li l-kawza thaliet ghallum ghas-sentenza fuq dik l-ewwel eccezzjoni;

Ikkunsidrat;

Illi f’din il-kawza, s-socjeta’ attrici *Storage Systems Ltd* qed titlob li tiddikjara nulla sentenza li nghatat minn din l-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fit-23 ta’ Jannar, 1995, kontra s-socjetas’ *Dexion Systems Limited*. Fil-ftuh tac-citazzjoni, s-socjeta’ attrici kienet ghada ma rrealizatx li isimha kien gie indikat hazin fil-proceduri li gew definiti b’dik is-sentenza, tant li l-bazi originali tal-azzjoni kien li s-sentenza hi nulla ghax giet deciza wara zball konsistenti fil-fatt li n-notifika tac-citazzjoni kienet saret f’idejn certu Martin Sims li ma kellux r-appresentanza guridika tas-socjeta’ allura konvenuta. Fil-kors ta’ dawn il-proceduri, is-socjeta’ attrici *Storage Systems Limited*, “irrealizat” li s-socjeta’ konvenuta f’dawk il-proceduri l-ohra, kienet indikata bl-isem ta’ *Dixon Storage Systems Limited*, u kwindi talbet korrezzjoni fl-att tac-citazzjoni fis-sens li talba ghan-nullita’ tas-sentenza giet mitluba ukoll fuq il-kawzali li s-sentenza inghatat fil-konfront tas-socjeta li jisimha *Dexion Storage Systems Limited* filwaqt li s-socjeta’ attrici jisimha *Storage Systems Limited*.

Din il-bidla giet awtorizzata b'digriet ta' din il-Qorti tad-29 ta' Mejju, 2000.

Illi mill-provi li ressqet is-socjeta' attrici irrizulta, bhala fatt, mhux biss li Martin Sims ma kienx awtorrizat jircievi atti gudizzjali ghan-nom tas-socjeta' attrici, u li, dan, m'ghaddiex ic-citazzjoni lid-diretturi tas-socjeta' attrici, izda wkoll li s-socjeta' *Dexion Storage Systems Limited* qatt ma kienet tezisti taht dak l-isem.

L-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta *Vibro Blocks Company Limited* (li kienet attrici fil-kawza determinata f'Jannar tal-1995) ma tolqotx, pero' il-meritu izda l-procedura wzata. L-eccezzjoni, fil-fatt, hi fis-sens li sentenza li ghaddiet in gudikat ma tistax tigi dikjarata nulla, barra mir-rimedju ordinarju ta' l-appell u dak straordinarju ta' ritrattazzjoni.

Is-socjeta' attrici f'din il-kawza mhix qed tressaq appell mis-sentenza moghtija fit-23 ta' Jannar, 1995, u lanqas ma hi qed titlob ir-ritrttazzjoni taghha; is-socjeta' attrici qieghda titlob dikjarazzjoni li dik is-sentenza "hija nulla u bla effett" fil-konfront taghha.

Il-procedura ta' "*restitutio in integrum*", li qed tadatta s-socjeta' attrici, kienet tezisti fi-ligi antika ta' pajjizna, u l-Qrati taghna kienu jhossu li kellhom d-diskrezzjoni biex, f'cirkustanzi specjali, ihassru jew jimmodifikaw sentenza li ghaddiet in gudikat. Dan huwa poter li kien vestit fil-*Praetor Ruman*, u l-Imhallfin taghna kienu jikkunsidraw li kellhom l-istess poteri u fakultajiet li kellu dan l-uficcjal; dan ir-rimedju, kien fil-fatt, uzat biex tithassar sentenza meta l-gudikat kien ihoss li, fic-cirkustanzi specjali tal-kaz, hekk kien jixraq.

Meta fis-seklu dsatax, gie promulgat il-Kodici ta' Procedura, dan ir-rimedju ma giex inkorporat fil-Kodici l-gdid, u giet, minflok, regolata s-sistema ta' ritrattazzjoni. B'din l-ahhar procedura, sentenza li ghaddiet in gudikat, tista' wkoll tigi mhassra, izda biss f'cirkustanzi partikolari specifikati fl-istess Kodici, u basta l-azzjoni ssir f'terminu

preskritt u bil-procedura appozita. Il-Legislatur, donnu, ma riedx li sentenza definitiva tkun tista' tigi mhassra fi kwalunkwe zmien jew ghal-kwalunkwe raguni li jkun lest jaccetta l-gudikant; ic-cirkustanzi li jistghu jwasslu ghat-thassir tas-sentenza, ma baqghux aktar fid-diskrizzjoni tal-gudikant (li seta' jaccetta jew ma jaccettax cirkustanza partikolari skond kif jidhirlu hu li kien gust), izda gew definiti b'mod oggettiv fil-ligi.

*Nonostante* din il-bidla, kien hawn, pero' minn baqa' jahseb li l-istitut ta' ritrattazzjoni ma sosstitwix l-istitut antik ta' "*restitutio in integrum*", u dan peress li l-Kodici ta' Procedura il-gdid, ghalkemm ma jirriferrix ghal dak l-istitut, ma jhassrux espressament. Il-gurista Malti, Paolo Debono, fl-istudju tieghu "*Storia della Legislazione*" jghid (pag. 323), li l-istitut ta' ritrattazzjoni kien mahsub biex jissostitwixxu l-abuzi li kienu jsiru minhabba l-incertezza li kien johloq ir-rimedju antik Ruman. Fl-1861, pero' l-Imhallef Salvatore Naudi kien ta decizjoni (riportata fil-Volum II.226) fejn esprima l-opinjoni li l-Kodici ta' Procedura l-gdid ma kienx hassar ir-rimedji l-antiki, u l-Qorti xort wahda kien baqghala l-poter li thassar sentenza kull meta, fid-diskrezzjoni taghha, kien jidrilha opportun.

Din l-incertezza baqghet tipprevali ghal certu zmien, sakemm l-Onorevoli Qorti tal-Appell, f'decizjoni importanti li tat fit-12 ta' Lulju, 1965, fil-kawza "Misrahi vs Cassar", qalet car u tond illi r-rimedju tar-restituzzjoni *in integrum* bhala istitut indipendenti ta' impunjazzjoni ta' sentenzi definitivi ghandu jitqies li gie abbolit meta, fis-sistema tal-ligi taghna, gie organizzat l-istitut tar-ritrattazzjoni. Din il-posizzjoni giet konfermata mill-istess Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Degabriele vs Gulia" deciza fil-5 ta' Frar, 1968, fejn intqal li r-rimedju ta' *restitutio in integrum* "mill-introduzzjoni tar-rimedju tar-ritrattazzjoni limitata ghal kazijiet specifici, m'ghandux jesisti izjed fis-sistema legali taghna riferibilment ghas-sentenza".

Din l-istess posizzjoni ittiehdet mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Cauchi vs Dimech et" deciza fit-3 ta' Lulju, 1995, fejn spjegat illi r-rimedji biex tigi attakkata sentenza definittiva tal-Qorti huma l-appell u r-rimedju

straordinarju tar-ritrattazzjoni; kieku kien mod iehor, osservat dik l-Onorabbli Qorti, allura sentenza qatt ma ssir definitiva u qatt ma jista' jkun hemm ezekuzzjoni taghha.

Ricentement, l-istess Onorabbli Qorti tal-Appell, fil-kawza "Bugeja vs Azzopardi" deciza fid-19 ta' Gunju, 2001, regghet osservat li l-ligi procedurali tistabilixxi tassattivament ir-rimedji tal-appell u tar-ritrattazzjoni biex jigu mpunjati sentenza; m'humiex konsentit li jigu adottati xi rimedji ohra oltre dawk dettati mill-ligi. Il-kuncett tar-*restitutio in integrum*, kompliet tghid dik il-Qorti, m'huwiex aktar accessibili f'cirkostanzi bhal dawn sa mill-promulgazzjoni tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili bl-Ordinanza numru XI tal-1856 li ntroduca l-istitut ta' ritrattazzjoni. Hu interessanti li f'dik il-kawza, it-talba ghat-thassir ta' sentenza kienet saret ghall-istess ragun li ngiebet f'din il-kawza, u cioe', in-nuqqas tan-notifika tac-citazzjoni lill-parti telliefa, u osservat li ragun simili kellha tikkomprendi wkoll l-opportunita' ta' ritrattazzjoni minhabba n-nuqqas ta' notifika tal-Avviz ghas-Smigh kif kontemplat fl-artikolu 811 (b) tal-imsemmi Kodici; dak l-ilment barra mir-rimedju ta' ritrattazzjoni, ma setghax jigi kkunsidrat.

Din il-Qorti tinnota li anke din il-Qorti diversement presjeduta, kienet hadet din il-linja f'sentenzi taghha, bhal, per ezempju, id-decizjoni moghtija fis-7 ta' Novembru, 1989, fil-kawza "Sciberras vs Hili", u dik moghtija fl-14 ta' Frar, 1997, fil-kawza "Giordmaina vs Vella".

Illum, jista' jizdied, hemm rimedju iehor biex tigi mhassra sentenza definitiva, barra mir-rimedji indikati ta' appell u ritrattazzjoni, u dan bil-procedura ta' rikors kostituzzjonali meta jkun allegat ksur tad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem (ara "Cuschieri vs Prim Ministru et", deciza fis-7 ta' Frar, 1996).

Dak li allegat is-socjeta' attrici f'din il-kawza, nuqqas ta' notifika, seta' jaghti lok ghall-proceduri ta' ritrattazzjoni, jekk jinkorru r-rekwiziti li trid il-ligi, izda s-socjeta' attrici ma adoperatx dik il-procedura. Il-fatt li sentenza setghet inghatat kontra persuna li ma tezisthix, ma jwassalx ghall-

fatt li s-sentenza hi nulla. Ovvjament sentenza taghmel stat u torbot biss fil-konfront ta' dawk li jkunu parti fiha, u ma taghmilx stat fil-konfront ta' persuni li ma jkunux parti fiha. Persuna morali ghandha isem bhal kull persuna fizika, u jekk sentenza tinghata kontra socjeta' bl-isem X, ma taghmilx stat kontra socjeta' bl-isem Y, pero', dan ma jwassalx ghan-nullita tas-sentenza.

Ghalhekk, ir-rimedju mitlub mis-socjeta' attrici f'din il-kawza ma jifformax parti mis-sistema tal-ordni pubbliku Malti.

Illi ghalkemm din il-Qorti kellha taghti decizjoni biss fuq l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut John Mary Vassallo nomine, jekk dik l-eccezzjoni tigi milqugha, kif se tigi, ma jkunx hemm lok ghall-prosegwiment tal-kawza peress li jkun qed jigi dikjarat li l-azzjoni proposta hi irrita u nulla u mhux proponibbli.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti tiddeciedi din il-kawza billi, prevja li tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut John Mary Vassallo nomine, tiddikjara t-talba attrici bhala improponibbli u, kwindi, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-istess.

Fic-cirkustanzi tal-kaz, il-Qorti tordna li l-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet, hlief dawk tal-kuraturi li ghandhom jithallsu mill-attur nomine.

IMHALLEF

D/REG